# *Minn maħżen tal-vari għal kappella ta' l-adorazzjoni*



JIKTEB
**LINO WETTINGER**

L-istorja tal-kappella ta' San Nikola, illum kappella tal-adorazzjoni, hi waħda mqallba u nteressanti fl-istess ħin.

Meta Mons. Pietru Duzina kien żar ir-raħal sab li l-kappella ta' San Nikola kienet fi stat ħażin ħafna; bla saqaf jew xi ħadd li jieħu ħsiebha. Huwa kien ipprofanaha u ordna li l-ġebel tagħha, jittieħed in-Naxxar biex jiġi wżat għall-bini tal-knisja t'hemm

Imma wara ċertu żmien, din il-knisja reġgħet ġiet mibnija. Infatti meta Mons. Cagliares żar ir-raħal fil-1615, dan sabha f'kundizzjoni tajba u mgħammra kif meħtieġ. Iżjed tard, Mons Molina jgħid li din għandha xi ċnus u d-dħul kellu jinqasam mal-kappella ta' San Ġwann Battista

Fil-1634, l-Isqof Potremoli żar din il-kappella u qal li waqt li bħala prokuratur, din għandha lil Dun Pietru Ġwann Grech; tgawdi wkoll mill-immunita' u għandha kapital ta' ħdax-il onca.

L-Isqof Alpheran de Bussan żar din il-knisja fil-1744 waqt il-Viżta Pastorali li għamel hawn ir-raħal. Irraporta li l-kappella kienet fi stat tajjeb ħafna, bil-lampier mixgħul quddiem ix-xbieha tal-qaddis li l-festa tiegħu ssir fis-6 ta' Diċembru. Kollox solenni

Il-knisja ta' San Nikola għandha forma rettangulari, b'saqaf nofs tond. Fiha artal wieħed u warajh prospettiva mill-isbah, skulturata, kollox franka. Fiż-żewġt iġnub ta' l-artal, hemm bank tal-ġebel ukoll . It-tarġa tal-artal, il-presbiterju u l-paviment huma ċangatura.

Fil-faċċata tagħha, wieħed isib l-uniku bieb, b'pilastru fuq kull ġenb tiegħu. Fuqu hemm gwarniċa zgħira u tieqa. Fuq nett, imbagħad, hemm gwarniċun bi frontispizju triangulari li jispiċċa b'salib żgħir. Quddiem il-knisja hemm zuntier ċkejken bit-tarag quddiemu, kollox tal-konkos.

Sa ftit żmien ilu, f'din il-knisja kienu jiġu merfughin l-istatwi tal-Ġimgħa l-Kbira, iżda dawn illum qed jintrefgħu f'maħżen magħmul apposta taħt iċ-Ċentru Parrokkjali. Minn snin ilu, il-Kummissjoni Liturġija bi qbil mal-Kumitat tal-Ġimgħa l-Kbira ippjanat li din il-kappella tibda tintuża għall-adorazzjoni kontinwa.

Qabel infetħet, sarilha xogħol ta' restawr mis-Sagristan Jesmond Aquilina fuq struzzjonijiet tal-Perit Hector Zammit. Il-kwadru titulari ta' San Nikola li għal snin kbar kien miżmum fil-knisja parrokkjali, reġa tpoġġa fejn kien oriġinarjament u saritilha rampa.

Lejliet il-festa ta' Corpus li għadda, sar fiha lejl adorazzjoni biex imbgħad fil-Festa tal-Qalb ta' Ġesu', ġimgħa wara, din infetħet uffiċċjalment minn Mons Bartholomeo Bezzina, fi tmiem il-proċessjoni bis-Sagrament.

B'hekk il-Kummissjoni Liturġija li ħolmot din il-kappella snin ilu, għandha għax tħossha kburija, talli mhux biss dan il-ġojjel t'arkitettura maltija reġa' ħa l-ħajja, iżda wkoll li l-Parroċċa għandha l-grazzja ta' Kappella tal-adorazzjoni.